StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta

## IT-TIELET SENA     IL-MALTI     IL-ĦIN: Sagħtejn

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** ______________

**L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**L-ISKEMA TA' MARKI**

| Il-Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Il-Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.***



Sajjied spiċċa fuq gżira waħdu għax il-maltemp kaxkru għal bosta jiem u d-dgħajsa ċkejkna li kellu ma baqgħetx tobdi aktar lit-tmun. Ma kienx jaf x'se jaqbad jagħmel. Kien waħdu fuq il-gżira. Fl-istess ħin ma riedx jidħol 'il ġewwa fil-qalba tal-gżira għax beża' li jekk ma jibqax ħdejn il-baħar ma jintebaħx meta jkun għaddej xi vapur fil-viċin. Iżda lanqas seta' jibqa' bla saqaf fuq rasu. Ried xi forma ta' ħarsien mill-elementi. Beda jiġbor iz-zkuk u wara jiem ta' ħidma rnexxielu jibni għarix imdaqqas. (*par. 1*)

Darba waħda, dan is-sajjied issogra jidħol ftit 'il ġewwa fil-qalba tal-gżira fejn kien hemm ħafna siġar, blat u għerien. Waqt li kien jesplora, tela' l-ajru u dak ir-raġel sab ruħu f'nofs maltempata qawwija. Daħal jistkenn ġo għar waqt li sriep tan-nar imlew is-sema. Xita ftit li xejn għamlet, imma l-leħħa waħda f'waħda u l-ħsejjes tal-biża' tas-sajjetti kienu donnhom riedu jaħarquh. (*par. 2*)

Fl-aħħar l-ajru bnazza u s-sajjied telaq lura lejn l-għarix li kien bena. Iżda malli xiref fuq ir-riħ tal-bajja kienet se tagħtih rasu. L-għarix li kien bena kien ħuġġieġa waħda. Xi sajjetta minnhom kienet laqtitu. Seħet xortih għax ftakar kemm dak l-għarix kien swielu xogħol, u barra minn hekk is-sajjied issa kien reġa' spiċċa bla dar. (*par. 3*)

Dak il-ħin stess, waqt li hu kien imbikkem iħares lejn l-għarix jaqbad, mill-bogħod jilmaħ vapur riesaq lejn il-bajja. Il-baħrin ta' fuqu kienu indunaw bid-duħħan u ħasbu li fuq dik il-gżira kien hemm xi ħadd li ried l-għajnuna, meta raw id-daħna min-nar tal-għarix. Lanqas laħaq għadda wisq żmien li r-raġel ma kienx fuq il-vapur jirringrazzja lill-baħrin li kienu salvawh. (*par. 4*)

(addattata minn ***Il-Ħbieb Isejħu 4*** )

## A. FEHIM IT-TEST (10 marki)

1. Agħti isem lil din is-silta.

_______________________________________________ (marka)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Għid kif is-sajjied kien spiċċa waħdu fuq gżira.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

3. Għaliex dan ir-raġel xtaq jibqa' fuq ix-xtajta u mhux jidħol 'il ġewwa fil-gżira?

________________________________________________________________ (marka)

4. X'għamel ir-raġel biex jibqa' jgħix ħdejn il-baħar?

________________________________________________________________ (marka)

5. X'ġara darba meta mar jesplora l-gżira?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

6. Kif servietu ta' ġid din it-traġedja?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

7. X'tagħlima nistgħu nieħdu minn din is-silta? (*Immarka t-tweġiba t-tajba.*)
Mis-silta nitgħallmu:
(a) li għandna nibnu għarix fuq xatt il-baħar. ___
(b) li m'għandniex immorru nesploraw waqt il-maltemp. ___
(ċ) li mill-ħażin li jiġrilna jista' joħroġ it-tajjeb. ___ (marka)

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | (20 marka) |
|---|---|

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Aqta' sing taħt il-**parteċipji passivi.** (*Ara l-eżempju*)
Il-werqiet tal-palm li bihom kien <u>*mibni*</u> l-għarix kienu mwaħħlin ma' biċċiet tal-injam tad-dgħajsa. Huma kienu marbutin sewwa bi ħbula u kienu mdaħħlin ġo xulxin biex ma jħallux l-ilma tax-xita jidħol fl-għarix. (3 marki)

2. Ta' liema forma huma dawn il-verbi li ġejjin? Ikteb in-numru tal-forma fl-ispazju pprovdut.
(a) jibqa' (*par. 1*) _______; (b) jistkenn (*par. 2*) ________ (2 marki)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Ikteb il-forma tal-verb skont in-numru fil-parentesi. (*Ara l-eżempju*)

(a) kiser (2) : **kisser**

(b) qasam (5): ___________________

(ċ) ħataf (7): ___________________ (2 marki)

4. Imla l-vojt bil-**parteċipju attiv** skont il-kelma fil-parentesi. (*Ara l-eżempju*)

(a) Kienet *nieżla* (niżel) t-taraġ xħin żelqet u kisret sieqha.

(b) Waqt li kien ________________ (ħareġ) ċempel it-telefown.

(ċ) Iltaqgħu ma' Kevin xħin kienu _______________ (daħal) l-iskola. (2 marki)

5. Imla l-vojt bil-**partiċelli** li jinsabu fil-kaxxa mogħtija taħt. (*L-ewwel waħda lesta għalik.*)

Id-dgħajsa **tas-**sajjied kellha kulur aħmar ____ faxx isfar ____ quddiem ____ wara. ____ din id-dgħajsa ma kienx hemm oħra ____istess kulur ____ port fejn kien jgħix dan is-sajjied.

(3 marki)

| |
|---|
| *b', Bħal, fil-, sa, **tas-**, minn, tal-* |

6. Ikteb kliem flok numri:

Kienu ___________________ (16) dgħajsa li ħarġu mill-port, imma ________________ (9) daħlu lura wara l-maltempata. (2 marki)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

7. Flok il-frażi ***bla saqaf fuq rasu*** (*par.1*) nistgħu niktbu: ***bla*** _______________________. (marka)

8. Mit-tieni paragrafu sib il-kelma li tfisser: ***ħa riskju.***

Il-kelma hi: ___________________________ (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

9. Liema frażi minn paragrafu 2 tfisser ***sajjetti*** ? _________________________________ (marka)

10. Il-kelma ***maltempata*** *(par.2)* ġejja: a) mill-Għarbi __, b) mit-Taljan __ ċ) mill-Ingliż__. (marka)

**SINTASSI**

11. Aqsam din is-sentenza f'żewġ sentenzi.

***Billi ntlaqat minn sajjetta, l-għarix tas-sajjied ħa n-nar.***

______________________________________________________________________

_________________________________________________________________ (2 marki)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (

1. Fisser l-idjomi b'sing taħthom. (2 ma

(a) Il-pulizija **ta daqqa t'għajn** biex jara jekk il-flus kinux għadhom fil-ħanut.

______________________________________________

(b) Meta s-sajjied kien sab ruħu fuq il-gżira fejn ma kien hemm ħadd **bħal beda jagħmel f'qalbu**.

______________________________________________

2. Kompli l-qawl:

Għalkemm is-sajjied kien tilef l-għarix għax inħaraqlu, xorta waħda rnexxielu jitlaq minn fuq il-gżira meta l-baħrin tal-vapur raw id-duħħan. Sewwa jgħid il-Malti:

*"Agħtini xortija u* ______________________________ (2 marki)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Agħżel **waħda** minn (**a**) u (**b**) u ikteb madwar **50 kelma** dwarha.

(a) Iddeskrivi fi kliemek kif għaddejt l-aħħar ġurnata tal-iskola fil-klassi flimkien ma' sħabek.

**JEW**

(b) Wasal tip ta' żarbun ġdid li hu addattat ħafna għal min jipprattika l-isport. Ikteb riklam dwar dan iż-żarbun ġdid.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI

Ikteb madwar **50 kelma** fuq ***wieħed*** mis-suġġetti li fittixt dwarhom għall-proġett ***Idea ta' Ling*** biex turi x'tgħallimt matul din is-sena li għaddiet.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## F. LETTERATURA (30 marka)

**(i) *Nadriet 3***

1. Immarka (**X**) fejn it-tajba:-
   ***Pitirross*** ta' Victor Fenech insejħulha: (a) sunett___ (b) ballata___ (ċ) poe-proża___ . (marka)

2. Fil-poeżija ***Waħdi***, Dun Karm jiftakar fi tfulitu u f'kemm kien ferħan. Ikteb tifkira waħda li jsemmi l-poeta nazzjonali f'din il-poeżija. (2 marki)

   ______________________________________________________________________

3. Fil-poeżija ***Arizona***, Achille Mizzi jqabbel lilu nnifsu ma' ______________________. (marka)

4. Kompli din is-sentenza: Fil-poeżija ***Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti*** ta' Ġorġ Borġ, il-bejjiegħ ma jħossux waħdu għax ______________________________________________________________. (2 marki)

5. Immarka t-tajba b'(**X**): Fil-poeżija ***Poeta***, Dun Karm jgħid li, għalkemm għadu żagħżugħ, Rużar Briffa hu poeta li diġà għamel suċċess: **VERU** ______; **FALZ** _______. (marka)

6. Fil-poeżija ***Qasba*** nsibu dan il-vers: "Il-qasba biss qed tħares lejn is-sema". Din hi:

   (a) metafora ____; (b) personifikazzjoni ____; (ċ) similitudni ____. (marka)



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**(ii)** ***Aktar Nadriet Poetiċi***

Agħżel **waħda** minn dawn il-poeżiji u ikteb il-ħsieb tagħha f'madwar **20 kelma**.

*Fis-skiet*, *Matul is-snin tal-ħajja*, *Jekk baħar int għalija*, *Raqdet il-belt*, *Fjura tas-sur*, *Iż-żgħożija*, *Ħabbata*, *Fuq il-palm tal-ħbiberija*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (4 marki)

**(iii)** ***Stejjer taċ-Ċarrut*** (6 marki)

**Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. James Grech telaq mid-dar t'ommu u mar jgħix:

   (a) f'gabuba; (b) f'villa; (ċ) f'razzett ; (d) f'ċimiterju.

2. Luca kien baqa' ħaj (a) jumejn; (b) ġimgħa; (ċ) xahar; (d) sena (wara inċident tat-traffiku li kellu).

3. Fl-istorja ***L-Iskuter*** insibu li, waqt tiġrija bl-iskuters, Ninu:

   (a) ġie l-ewwel; (b) ra lil missieru; (ċ) korra gravi; (d) rebaħ tazza sabiħa.

4. Iż-żerriegħa li ma gergritx ma qatgħetx qalbha għax kienet tħares lejn:

   (a) is-sabiħ ; (b) l-ikrah ; (ċ) l-aħdar; (d) il-qawwi (tal-ħajja).

5. Oscar kien jinbex lil Willie għax Willie kien tifel:

   (a) ġellied; (b) twil; (ċ) kwiet; (d) bully.

6. Sladjan, tifel imqareb tal-Krajina, kien ħarab:

   (a) mill-belt; (b) mill-iskola; (ċ) mill-Mużew; (d) mill-ħabs (biex mar suldat fil-gwerra).

**(iv)** ***Stejjer għal Qabel Jidlam*** (6 marki)

1. Fil-Ġrajja ***It-Tifel tal-Baħar***, Bertu kien tifel li kien jgħin lill- __________ (bdiewa, bennejja, barklori) għax kien ġej minn familja ______________ (kbira, fqira, barranija).



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

2. F'***Ix-Xemx fuq it-Tieqa***, Oskar għalaq il-kamra fid-dlam biex id-dawl __________ tax-xemx, tal-bozza) ma jidħolx, imma l-irjieħ fetħu ____________ (t-tapp, t-tieqa, l-ktie

3. F'***L-Ewwel Telefonata***, Kostanzu u Filomena kienu żewġt ________ (itfal, iħbieb, ixjuħ) li k jgħixu ____________ (mal-familja, mal-ħbieb, weħidhom).

**(v)** ***Jinqabad bid-Drogi*** (6 marki)

Agħżel **waħda** minn dawn l-istejjer u ikteb madwar **30 kelma** biex tgħid dwar xiex tittratta.

(a) Ngħix bl-Imħabba tal-Biċċiet
(b) Monologu: L-Aħħar Waqtiet ta' Simon ir-Reggae
(ċ) Ċinzja

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **250 kelma** fuq karta separata.

1. L-Ewwel safra tiegħi
2. Ir-raħal/Il-belt fejn ngħix
3. Siġra tirrakkonta l-istorja ta' ħajjitha
4. Ikteb storja li tintemm bil-kelmiet: Kienet tassew esperjenza sabiħa!
5. Ikteb djalogu bejn żewġt iħbieb waqt partita futbol



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers